

Brussell, 13 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9801/24

EDUC 165
JEUN 107
DIGIT 134
RECH 221
SOC 352

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni ta' politiki u prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex tintlaħaq iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Mejju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni ta' politiki u prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex tintlaħaq iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Filwaqt li jfakkar fit-testijiet adottati fl-Unjoni dwar l-edukazzjoni u x-xjenza għall-kwistjonijiet ta' politika,

KONXJU

1. Mill-isforzi li saru mill-Istati Membri tal-Unjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali u mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom biex jiżguraw edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi għal kulħadd.
2. Mill-ħafna sfidi li llum il-ġurnata qed jiffaċċaw l-edukazzjoni u t-taħriġ li jeħtieġ li jiġu indirizzati minn dawk li jfasslu l-politika u mill-persunal edukattiv, li jinkludu l-għalliema, il-ħarrieġa, l-edukaturi, il-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u l-persunal tal-edukazzjoni għolja.
3. Mill-kontribut tar-riċerka u d-data għall-ġharfien u l-informazzjoni ta' kwalità fil-qasam tal-politika u l-prattika tal-edukazzjoni u t-taħriġ u għall-analiżi tal-isfidi edukattivi, soċjetali u ekonomiċi.
4. Mill-fatt li dik iċ-ċertezza assoluta hija elużiva meta jittieħdu deċiżjonijiet minħabba l-firxa u l-komplessità tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI

5. L-edukazzjoni u t-taħriġ huma oqsma kruċjali u viżibbli ħafna fl-isfera pubblika minħabba l-impatt importanti tagħhom fuq is-soċjetà kollha kemm hi u l-iżvilupp professjonali, is-sodisfazzjon personali u l-benesseri ta' kull individwu.
6. It-terminu "evidenza" jirreferi għal informazzjoni li tinġabar, tiġi analizzata u evalwata b'mod sistematiku u xjentifiku biex tinforma t-tfassil tal-politika, l-iżvilupp tal-politika, l-implimentazzjoni tal-programm, l-evalwazzjoni u l-prattika. Din l-evidenza tista' tiġi minn diversi sorsi u tiegħu forom differenti fosthom ir-riċerka, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, ir-rieżamijiet sistematiki, id-data vvalidata kwantitattiva u kwalitattiva, l-esperjenza Prattika u l-kunsens espert. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, l-enfasi titqiegħed fuq l-evidenza li tinkiseb mir-riċerka u mid-data.
7. "Politiki u Prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ" jistgħu għalhekk jiġu definiti bħala l-għbir, il-kombinazzjoni u l-evalwazzjoni ta' diversi sorsi affidabbli ta' informazzjoni, inkluż l-aħjar evidenza disponibbli u dik l-aktar rilevanti mir-riċerka u/jew mid-data, bħala pass lejn it-titjib tal-politiki u l-prattiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
8. Filwaqt li l-evidenza mir-riċerka u/jew mid-data għandu jkollha rwol vitali fit-tfassil tal-politiki u l-prattiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jeħtieġ li titqies interazzjoni sfumata ta' kunsiderazzjonijiet ewlenin oħra. Dawn jinkludu esperjenzi personali u professjonali, valuri, normi, raġunament Prattiku, perspettivi tal-partijiet ikkonċernati, għarfien espert tekniku, għarfien kumentwali, u kunsiderazzjonijiet politiċi, soċjali u ekonomiċi. Għaldaqstant, it-terminu "ibbażat fuq l-evidenza infurmata" jiddeskrivi aħjar it-tfassil tal-politiki u l-prattiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ milli t-terminu "ibbażat fuq l-evidenza".
9. L-użu tal-evidenza fil-politiki u l-prattiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ irid jiġi kumentwalizzat. Dan għandu jiġi adattat għall-ħtiġijiet, l-esperjenzi, il-kulturi u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-livell ta' governanza rispettiv, u l-ambjent tal-apprendiment u t-tagħlim, fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Dak li jirriżulta effettiv u rilevanti f'kument wieħed mhux neċessarjament jagħti l-istess riżultati f'kument ieħor. Il-ġudizzju professjonali ta' dawk li jfasslu l-politika u l-persunal edukattiv għandu rwol kruċjali f'dan ir-rigward.

FILWAQT LI JAQBEL LI

10. Evidenza ta' kwalità għolja, rilevanti u aċċessibbli żgurata minn ekosistema tar-riċerka u infrastruttura tad-data b'saħħitha fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ hija prerekwiżit importanti għal politiki u prattiki bbażati fuq evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
11. Il-kunsiderazzjoni tal-evidenza u l-użu effettiv tagħha huma parti mill-professjonaliżmu ta' dawk li jfasslu l-politika u tal-persunal edukattiv.

JINDIKA LI

12. Evidenza li tirriżulta minn data u riċerka ta' kwalità dwar x'jaħdem għal liema persuna f'liema kuntest u għal liema oġettivi tipprovdni pedament aktar b'saħħtu għall-politika u l-prattika fl-edukazzjoni u t-taħriġ. B'mod partikolari, l-evidenza:
 - a) iżżid il-fiduċja f'dawk li jfasslu l-politika, fir-riċerkaturi, fil-persunal edukattiv u fis-soċjetà kollha kemm hi, kif ukoll bejniethom.
 - b) tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali, tidentifika l-ħtiġijiet u tħejji deċiżjonijiet ta' politika futuri peress li tiffaċilita l-valutazzjonijiet tal-impatt għat-tfassil tal-politika u r-riformi.
 - c) hija essenzjali għall-evalwazzjoni tal-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u r-rilevanza tal-miżuri ta' politika u l-investimenti implimentati. L-eżiti tal-evalwazzjoni jikkontribwixxu għaċ-ċirku ta' feedback tal-politika u jgħinu biex il-finanzjament u r-riżorsi jitmexxew lejn strateġiji li għandhom ċans akbar ta' suċċess, u b'hekk jimmassimizzaw l-impatt tal-għażliet ta' politika u l-investimenti fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
 - d) tikkontribwixxi għall-iżvilupp professjonali ulterjuri ta' dawk li jfasslu l-politika u tal-persunal edukattiv.

13. Il-politiki u l-prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ jappoġġaw l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-ambjenti ta' apprendiment u l-prattika ta' taġlim u apprendiment taġhom u għandhom il-potenzjal li jtejbu l-eżiti tal-apprendiment. Il-persunal edukattiv jista' jsawwar l-edukazzjoni u t-taħriġ billi juża metodi li wrew l-effettività taġhom, fost affarijiet oħra.
14. F'kuntest ikkaratterizzat minn opinjonijiet diversi u dibattiti pubbliċi estensivi, il-politiki u l-prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ joffru informazzjoni aktar ċara u ddokumentata b'mod oġġettiv dwar il-ħtiġijiet, l-impatti u l-fattibbiltà, u b'hekk jikkontribwixxu għas-sensibilizzazzjoni u l-aċċettazzjoni tas-soċjetà.

JIDENTIFIKA L-ERBA' PRIJORITAJIET LI ĠEJJIN BIL-ĦSIEB LI JIPPROMWOVI L-POLITIKI U L-PRATTIKI BBAŻATI FUQ L-EVIDENZA INFURMATA FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ SABIEX TINKISEB IŻ-ŻONA EWROPEA TAL-EDUKAZZJONI, B'KONT MEĦUD TAL-KOMPETENZI NAZZJONALI, REĠJONALI U LOKALI U TAT-TAĦRIĠ

I. TITRAWWEM MENTALITÀ POŻITTIVA LEJN POLITIKI U PRATTIKI BBAŻATI FUQ L-EVIDENZA INFURMATA FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ U TIĠI STIMOLATA AKTAR IR-RIĊERKA EDUKATTIVA

L-Istati Membri u l-Kummissjoni, f'konformità mal-kompetenzi tagħhom għandhom:

- a) **Ikomplu jippromwovu** l-iżvilupp ta' ekosistema ta' riċerka b'saħħitha li tiżgura riċerka rilevanti, aċċessibbli u ta' kwalità għolja fil-qasam tar-riċerka u t-taħriġ filwaqt li jqisu l-importanza tas-sigurtà u l-integrità tar-riċerka.
- b) **Jippromwovu u jstimulaw** l-involvement attiv tar-riċerkaturi u tal-persunal edukattiv fil-politika u l-prattika fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ billi joħolqu opportunitajiet u strutturi ta' appoġġ.

- c) **Jinkoraġġixxu** lill-persunal edukattiv biex jikkontribwixxi għar-riċerka edukattiva u jipparteċipa fiha.
- d) **Jinkoraġġixxu** lil dawk li jfasslu l-politika, lir-riċerkaturi u lill-partijiet ikkonċernati biex jadottaw azzjonijiet ta' komunikazzjoni ċari u mmirati meta jxerrdu l-eżiti tar-riċerka.
- e) **Jużaw** l-eżiti tar-riċerka meta jfasslu l-politiki biex jivvalutaw l-effetti u l-impatt tal-miżuri edukattivi jew tar-riformi sabiex itejbu l-effiċjenza u l-effettività tagħhom.
- f) **Jippromwovu** l-apprendiment bejn il-pari għal skambju aħjar ta' prattiki u esperjenzi fl-użu effettiv tal-evidenza fit-tfassil tal-politika u l-prattika. Jużaw l-għarfien espert eżistenti tal-Istati Membri, kif ukoll dak ta' organizzazzjonijiet reġjonali, nazzjonali, Ewropej u internazzjonali bħall-OECD, il-UNESCO, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Evalwazzjoni tal-Kisbiet Edukattivi (IEA), il-Bank Dinji, u oħrajn u jesploraw kollaborazzjonijiet, skambji u sħubijiet.
- g) **Jikkunsidraw l-immappjar u l-analiżi** ta' politiki u prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata b'suċċess fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jiġu identifikati fatturi ewlenin għall-effettività u jiġu stimulati s-sinerġiji.

L-Istati Membri għandhom:

- a) **Jinkoraġġixxu** lil dawk li jfasslu l-politika, lill-awtoritajiet tal-edukazzjoni, lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u lill-partijiet ikkonċernati kif ukoll lill-persunal edukattiv biex jużaw l-evidenza meta jidentifikaw il-ħtiġijiet edukattivi u jiddefinixxu azzjonijiet biex jindirizzaw dawk il-ħtiġijiet u biex kontinwament jevalwaw u jadattaw dawn l-azzjonijiet.

Il-Kummissjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sussidjarjetà, għandha:

- a) **Toħloq u tistimula** opportunitajiet għar-riċerka edukattiva, l-apprendiment bejn il-pari, is-sħubijiet u l-esperimentazzjoni tal-politika għall-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati u l-organizzazzjonijiet intermedjarji kollha fir-rigward ta' politiki u prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ permezz ta' programmi tal-UE bħal Erasmus+, inkluż l-azzjoni ewlenija tiegħu 3, Orizzont Ewropa, inkluż il-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki tiegħu, u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.
- b) **Issaħħaħ** l-azzjonijiet fil-livell tal-UE biex jistimulaw u jappoġġaw politiki u prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari l-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ, il-Eurydice, l-attivitajiet tal-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Punti ta' Referenza, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, is-Cedefop, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, il-Laboratorju tal-Apprendiment dwar l-Investment fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' Kwalità, il-Forum Ewropew ta' Konsulenti Xjentifiċi, il-Mekkaniżmu ta' Konsulenza Xjentifika, u l-pjattaforma Knowledge4Policy.

II. ISSAĦĦAĦ IL-BINI TAL-KAPAĊITÀ TAL-ATTURI KOLLHA FL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ SABIEX IKUNU JISTGĦU JUŻAW L-EVIDENZA U JEGĦLBU L-ISFIDI FIL-PRODUZZJONI, IL-MEDJAZZJONI U L-UŻU TAR-RIĊERKA

L-Istati Membri għandhom:

- a) **Jippromwovu** r-riċerka u l-litteriżmu fid-data fost dawk li jfasslu l-politika u l-persunal edukattiv, li jippermettulhom jaċċessaw, jifhmu, jipparteċipaw fir-riċerka li hija rilevanti għall-kuntesti speċifiċi tagħhom u japplikawha b'mod effettiv.
- b) **Jinkoraġġixxu** t-taħriġ inizjali tal-ġhalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu sabiex jittieħed kont u titrawwem prattika bbażata fuq l-evidenza infurmata, inkluż il-pedagoġija u l-ġestjoni tal-klassi u tal-iskejjel, kif ukoll it-taħriġ u l-iżvilupp professjonali tal-persunal edukattiv fis-setturi kollha.
- c) **Iħeġġu** lir-riċerkaturi jikkultivaw il-litteriżmu fil-"politika u l-prattika" billi jinvolvu lil dawk li jfasslu l-politika u lill-persunal edukattiv matul il-proċess ta' riċerka.
- d) **Jappoġġaw** u **jsaħħu** l-istrutturi u/jew l-organizzazzjonijiet intermedjarji li għandhom rwol ewlieni fit-tnaqqis tad-distakk bejn ir-riċerka edukattiva, il-politika, il-prattika u s-soċjetà kollha kemm hi.
- e) **Jesploraw** il-ħolqien ta', jew **jappoġġaw**, unitajiet speċifiċi fl-amministrazzjonijiet tal-edukazzjoni li jrawmu u jagħtu spinta lill-politiki u l-prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata.

III. PROMOZZJONI TAL-UŻU TAD-DATA F'POLITIKI U PRATTIKI BBAŻATI FUQ L-EVIDENZA INFURMATA FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

L-Istati Membri u l-Kummissjoni, f'konformità mal-kompetenzi tagħhom għandhom:

- a) **Jikkunsidraw l-integrazzjoni** tar-rekwiżiti tad-data mill-bidu tat-tnedija ta' kwalunkwe politika/azzjoni edukattiva sabiex jimmassimizzaw l-għarfien fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-valur tagħha, u biex jinkoraġġixxu l-produzzjoni tal-evidenza.
- b) **Jistinkaw** biex jiżguraw li d-data tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli (FAIR). Jippromwovu d-disponibbiltà, l-aċċess u l-użu ta' data FAIR u miftuħa biex jappoġġaw politiki u prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata.
- c) **Jiżguraw** li l-ġbir u l-analiżi tad-data fl-edukazzjoni u t-taħriġ joffru valur miżjud proporzjonat għar-riżorsi investiti.
- d) **Jesploraw** il-possibiltajiet tal-intelliġenza artifiċjali fl-ipproċessar, l-analiżi u l-użu tad-data, filwaqt li jqisu kwistjonijiet ta' kwalità, oġġettività u fiduċja.

L-Istati Membri għandhom:

- a) **Jikkunsidraw l-esplorazzjoni ta' strateġija** għad-data FAIR fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ li tindirizza l-ġbir, il-forniment u d-disseminazzjoni tad-data, filwaqt li jqisu:
 - i) miżuri robusti għall-protezzjoni tad-data biex tiġi ssalvagwardjata informazzjoni sensittiva, inkluż tal-istudenti, kif ukoll l-aspetti tal-privatezza u s-sigurtà tad-data tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
 - ii) l-importanza ta' strumenti ta' riċerka ta' kwalità għolja biex tiġi żgurata l-kisba ta' data affidabbli li tkun rilevanti għat-tfassil tal-politika fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

- iii) in-natura mxerrda tad-data dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-oqsma pubbliċi u privati;
 - iv) l-importanza li jiġu ffaċilitati l-aċċessibbiltà u t-trasferibbiltà tad-data, inkluż il-kwalità tal-metadata.
- b) **Ikomplu** l-isforzi għall-ġbir konġunt tad-data fl-edukazzjoni u t-taħriġ. **Jikkunsidraw** li jesploraw investimenti f'aċċess kosteffettiv għad-data amministrattiva u għall-użu uniformi tagħha.
- c) **Ikomplu** jinvestu f'infrastruttura robusta tad-data, l-analiżi tad-data tal-ogħla livell, il-ħolqien tal-valur tad-data u l-innovazzjoni tad-data. Il-politiki u l-prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ jeħtieġu data ta' kwalità għolja u FAIR fil-livell individwali u tas-sistema.

Il-Kummissjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sussidjarjetà, għandha:

- a) **Tippromwovi** u **tappoġġa** l-kondiviżjoni tad-data dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-aħjar Prattiki fost l-Istati Membri u, fejn rilevanti, fost l-oqsma pubbliċi u privati. Tikkondividi l-evidenza u ttipprovdi gwida u appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' Prattiki effettivi tad-data, metodoloġiji u regolamenti tal-Unjoni dwar il-privatezza relatati mad-data tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

IV. TKOMPLI TIŻVILUPPA L-LABORATORJU TAL-APPRENDIMENT DWAR L-INVESTIMENT FL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ TA' KWALITÀ BĦALA GĦODDA TA' VALUR TAL-UNJONI GĦAT-TRAWWIM TA' POLITIKA BBAŻATA FUQ L-EVIDENZA INFURMATA FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ SABIEX TINKISEB IŻ-ŻONA EWROPEA TAL-EDUKAZZJONI

Il-Kummissjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sussidjarjetà, għandha:

- a) **Twessa'**, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u, fejn applikabbli, mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Laboratorju tal-Apprendiment dwar l-Investment fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' Kwalità għall-qasam usa' ta' politika bbażata fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ. **Tiżgura** li l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-Laboratorju tal-Apprendiment tibqa' volontarja.
- b) **Tipproduċi** evidenza ġdida u trendi l-evidenza eżistenti aktar aċċessibbli għal dawk li jfasslu l-politika fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-UE. **Tistabbilixxi** repożitorju tal-informazzjoni mgħammar b'għodod li jiffaċilitaw l-aċċess għal għarfien dwar il-politiki u l-prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata, delineati mill-oqsma rispettivi tagħhom tal-kapaċitajiet tal-impatt u tas-soluzzjoni tal-problemi. **Issaħħaħ** l-identifikazzjoni ta' eżempji ta' investment kosteffettiv fl-edukazzjoni u t-taħriġ. **Tesplora** sinerġiji man-network Eurydice.
- c) **Torganizza** attivitajiet ta' bini tal-kapaċità biex ittejjeb il-ħiliet u l-kompetenzi ta' dawk li jfasslu l-politika involuti f'politika bbażata fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ. L-għodod ta' taħriġ għandhom ikunu mfassla apposta għad-diversi livelli tat-tfassil tal-politika u għall-istadji rispettivi tal-Istati Membri ta' avvanz fit-tfassil tal-politika bbażata fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

- d) **Tappoġġa** l-istabbiliment ta' sħubijiet bejn il-komunità tar-riċerka edukattiva, dawk li jfasslu l-politika, u l-persunal edukattiv. **Tappoġġa** network tal-UE ta' organizzazzjonijiet intermedjarji li għandhom rwol ewlieni fit-tnaqqis tad-distakk bejn ir-riċerka edukattiva, il-politika, il-prattika u s-soċjetà kollha kemm hi.
- e) **Tinvolvi ruħha u tikkollabora** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-OECD, l-UNESCO, l-IEA u l-Bank Dinji, biex jiġu stabbiliti u sfruttati s-sinerġiji filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol biex jitrawmu politiki u Prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
- f) **Trawwem** djalogu u skambju kontinwi dwar politiki u Prattiki bbażati fuq l-evidenza infurmata fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ fost l-Istati Membri, inkluż permezz tal-Komunità ta' Prattika dwar l-Evalwazzjoni tal-Impatt Kontrofattwali tal-Politiki tal-Edukazzjoni.
- g) **Tippreżenta** l-pjan ta' ħidma tal-Laboratorju tal-Apprendiment fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' Kwalità għall-Kumitat tal-Edukazzjoni għal feedback bil-ġħan li jiġi ottimizzat fir-rigward tal-ħtiġijiet u t-tħassib tal-Istati Membri. **Tirrapporta lill-Kumitat tal-Edukazzjoni u timpenja ruħha** regolarment miegħu dwar din il-kwistjoni.
- h) **Tipprevedi** biżżejjed riżorsi sabiex tiżgura li l-attivitajiet tal-Laboratorju tal-Apprendiment ikollhom impatt sinifikanti.

L-Istati Membri għandhom:

- a) **Jesploraw** il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet offruti mil-Laboratorju tal-Apprendiment. **Jaqsmu** l-ġħarfien tagħhom matul diskussjonijiet iddedikati tal-Kumitat tal-Edukazzjoni sabiex itejbu kontinwament l-effettività u l-kwalità tal-Laboratorju tal-Apprendiment.

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, f'konformità mal-kompetenzi tagħhom, biex:

Jaħdmu flimkien fuq is-segwitu ta' dawn il-konklużjonijiet fil-kuntest tal-ħidma li għaddejja taħt il-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ biex tinkiseb iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI BIEX

Tappoġġa dawn il-konklużjonijiet billi tiegħu approċċ ibbażat fuq l-evidenza meta tfassal u tippromponi inizzjattivi ġodda dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ. **Twettaq** ħidma fuq proposti, ibbażati fuq u skont l-opinjoni esperta tal-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Punti ta' Referenza.

Tipprijoritizza u tqis il-fehmiet u t-tħassib tal-Istati Membri kif espressi mill-Kunsill u l-korp preparatorju ddedikat tiegħu, il-Kumitat tal-Edukazzjoni.

JAGĦTI ISTRUZZJONIJIET LILL-KUMITAT TAL-EDUKAZZJONI BIEX

- a) **Jagħti attenzjoni partikolari** għall-użu ta' evidenza fl-eżamijiet tiegħu tal-proposti ppreżentati mill-Kummissjoni lill-Kunsill jew tal-abbozz ta' konklużjonijiet u riżoluzzjonijiet tal-Kunsill.
- b) **Jagħti opinjoni**, fejn xieraq, dwar kwalunkwe proposta għal indikatur jew mira tal-UE li jkollha impatt fuq il-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.